MALTA

# TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA

## MAGISTRAT DR.
## GABRIELLA VELLA

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2013

Rikors Numru. 2/2011

**Eucharist Mercieca (Karta ta' l-Identità bin-Numru 43452G) u Eucharist Mercieca Auto Ltd. (C-17766)**

**Vs**

**Awtorità ghat-Trasport f'Malta**

**It-Tribunal,**

Ra r-Rikorsipprezentat minn Eucharist Mercieca u mis-socjetà Eucharist Mercieca Auto Ltd. fit-3 ta' Frar 2011 permezz ta' liema jitolbu li t-Tribunal jirrevoka *in toto* id-decizjoni ta' l-Awtorità ghat-Trasport f'Malta ta' l-24 ta' Jannar 2011 stante li: (i) id-decizjoni ma hijiex indirizzata lill-operatur tal-VRT Station in kwantu indirizzata lil Eucharist Mercieca u lil E. Mercieca Auto Ltd. u l-ebda wiehed minnhom ma huwa l-operatur tal-VRT Station; (ii) l-Awtorità ghamlet referenza ghal item 20 tat-Tnax-il Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 li ma tirrelatax ma' l-allegat ksur riskontrat mill-ufficjali taghha izda se mai jaqa' taht item 20 ta' l-Iskeda Tlettax li jittratta dwar in-

nuqqasijiet da parti tat-tester, a differenza ta’ l-operatur; (iii) ai termini tar-Regolament 21(4) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 il-multa amministrattiva tista’ tigi inflitta biss f’kaz ta’ punti ta’ penalità li jigu imposti fuq l-operatur a differenza tat-tester u ghalhekk meta l-Awtorità timponi punti ta’ penalità biss fuq it-tester u mhux ukoll fuq l-operatur ma tistax timponi multa amministrattiva fuq l-istess operatur. L-unika haga li tista’ taghmel f’kaz ta’ punti ta’ penalità imposti fuq it-tester hu li meta l-punti ta’ penalità imposti jkun jammonta ghal 150 punt ta’ penalità tnehhi isem it-tester minn fuq ir-registru tat-testers ghal zmien sena ai termini tar-Regolament 24(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15;

Rat id-decizjoni ta’ l-Awtorità ghat-Trasport f’Malta datata 24 ta’ Jannar 2011 annessa mar-Rikors promotur a fol. 4 tal-process;

Rat ir-Risposta ta’ l-Awtorità ghat-Trasport f’Malta permezz ta’ liema teccepixxi: (i) fl-ewwel lok u in linea preliminari il-*privilegum fori* peress illi s-sede taghha hija f’Malta u ghalhekk il-kaz odjern ghandu jinstema’ mit-Tribunal ta’ Malta; li (ii) l-appell huwa irritu u null peress illi jidher ampjament car li l-ittra mibghuta lill-operatur rikorrenti kienet tikkoncerna n-nuqqasijiet tat-tester impjegat tieghu, tant illi fit-tieni paragrafu ta’ l-ittra jinghad illi *please be informed that according to Legal Notice 43 of 2008 and Subsidiary Legislation 65.15 Schedule 12 item 20 your tester is therefore being penalized the total points of 50 points (Fifty) that are equivalent to €550*; (iii) dana l-appell huwa frivolu u vessatorju u ghalhekk ir-Rikorrenti ghandhom jehlu l-multa amministrattiva ta’ mitejn u tletin Euro (€230) ai termini tar-Regolament 21(6) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15; (iv) l-ewwel aggravju sollevat mir-Rikorrenti huwa infondat fil-fatt u fid-dritt stante li apparte l-fatt li huwa ben car li r-Rikorrenti huma l-operatur u dan kif ikkonfermat mill-fatt li intavolaw dan l-appell kif ukoll mit-tieni aggravju minnhom sollevat; (v) it-tieni aggravju sollevat mir-Rikorrenti wkoll huwa infondat fil-fatt u fid-dritt stante li l-Awtorità applikat il-Ligi, ossia l-Avviz Legali 43 ta’ l-2008 u l-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, b’mod korrett u gust; (vi) it-tielet aggravju sollevat

mir-Rikorrenti huwa infondat fil-fatt u fid-dritt stante li l-Ligi, senjatament ir-Regolament 21 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, hija cara u kemm l-operatur kif ukoll it-tester jistghu jehlu l-punti ta’ penalità u l-multi amministrattivi mnizzla fit-Tnax-il Skeda tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15; (vii) l-aggravji tar-Rikorrenti ghandhom fi kwalunkwe kaz jigu michuda stante li l-Ligi in kwistjoni, ossia l-Avviz Legali 43 ta’ l-2008 u l-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, hija tassattiva u meta l-Awtorità tirriskontra vjolazzjoni tar-Regolamenti ghandha timponi l-punti ta’ penalità opportuni u l-multi amministrattivi korrispondenti; bl-ispejjez kontra r-Rikorrenti;

Ra li waqt is-seduta tas-27 ta’ Mejju 2011[1] l-Awtorità intimata rtirat l-eccezzjoni tal-*privilegum fori* sollevata minnha izda zammet fermi l-eccezzjonijiet l-ohra kollha sollevati in opposizzjoni ghat-talba tar-Rikorrenti;

Sema’ ix-xhieda ta’ Eucharist Mercieca moghtija waqt is-seduti tat-30 ta’ Settembru 2011[2] u tat-28 ta’ Ottubru 2011[3] u ra d-dokumenti esebiti minnu waqt is-seduta tat-30 ta’ Settembru 2011 markati Dok. “EM1” sa’ Dok. “EM3” a fol. 28 sa’ 30 tal-process, sema’ x-xhieda ta’ Noel Sultana moghtija waqt is-seduta tat-30 ta’ Settembru 2011[4], ix-xhieda ta’ Joseph Mifsud moghtija waqt is-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2011[5] u ra d-dokument minnu esebit u markat Dok. “GV1” a fol.35 tal-process, sema’ x-xhieda ta’ Mario Buhagiar, rapprezentant ta’ Michael Debono Limited, moghtija waqt is-seduta tat-3 ta’ Frar 2012[6] u ra d-dokument minnu esebit a fol. 53 u 54 tal-process;

Ra li waqt is-seduta tat-28 ta’ Ottubru 2011[7] gie vverbalizzat qbil bejn il-partijiet kontendenti li peress illi l-meritu ta’ dawn il-proceduri huwa simili ghall-meritu tal-proceduri fl-ismijeit “Joseph Bajada et v. Awtorità ghat-

---

[1] Fol. 24 tal-process.
[2] Fol. 26 u 27 tal-process.
[3] Fol. 36 tal-process.
[4] Fol. 31 tal-process.
[5] Fol. 33 u 34 tal-process.
[6] Fol. 50 sa’ 52 tal-process.
[7] Fol. 32 tal-process.

Trasport f'Malta" Rikors Nru. 6/11, ix-xhieda li nghatat minn Joseph Mifsud u George Farrugia, entrambe rapprezentanti ta' l-Awtorità intimata, ghandha tapplika ghal dawn il-proceduri wkoll, ghalhekk ra w ikkonsidra x-xhieda moghtija minn Joseph Mifsud u George Farrugia fl-imsemmija proceduri;

Ra n-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-Rikorrenti pprezentata fil-11 ta' April 2012 u ra in-Nota ta' Sottomisjonijiet Responsiva ta' l-Awtorità intimata pprezentata fl-1 ta' Gunju 2012;

Ra li waqt is-seduta tad-19 ta' Ottubru 2012 it-Tribunal awtorizza korrezzjoni fit-talba tar-Rikorrenti kif avvanzata bir-Rikors promotur, fis-sens illi d-data tat-3 ta' Jannar 2011 tigi kkancellata u sostitwita bid-data 24 ta' Jannar 2011 biex b'hekk ir-Rikorrenti jigu li effettivament qed jitolbu r-revoka tad-decizjoni ta' l-Awtorità intimata ta' l-24 ta' Jannar 2011;

Ra l-atti l-ohra kollha tal-kaz;

**Ikkonsidra:**

B'ittra datata 24 ta' Jannar 2011[8] Eucharist Mercieca gie infurmat mill-Awtorità intimata li *on the 20th January 2011 the Transport Malta Technical Unit Officers have conducted a post VRT inspection on the above-mentioned vehicle* [vettura bin-Numru ta' Registrazzjoni AAF-936]. *Your VRT test was conducted on the 6th January 2011 by your VRT tester Noel Sultana licence number LTD/38/00/12 and the following irregularities related to the VRT test were noted during the Transport Malta inspection. A missing seal in the fuel flow adjuster screw. Please be informed that according the Legal Notice 43 of 2008 and Subsidiary Legislation 65.15 Schedule 12 item 20 your tester is therefore being penalized the total points of 50 points (Fifty) that are equivalent to €550. The Administrative Fine of €550 is to be made payable by cheque to Transport Malta within the prescribed period*.

[8] Fol. 4 tal-process.

Mir-Rikors promotur, mill-provi prodotti u min-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom jirrizulta b'mod car li Eucharist Mercieca u s-socjetà Eucharist Mercieca Auto Ltd. jikkontestaw din id-decizjoni ta' l-Awtorità intimata kemm mill-aspett legali, fis-sens illi d-decizjoni in kwistjoni hija, ghal diversi ragunijiet moghtija minnhom, ma hijiex legalment valida, kif ukoll mill-aspett fattwali, fis-sens illi skonthom l-Awtorità intimata ghamlet apprezzament erroneju tac-cirkostanzi tal-kaz u ghalhekk waslet ghal decizjoni zbaljata.

L-ewwel kwistjoni sollevata mir-Rikorrenti hija li *l-Awtorità innifisha ndirizzat l-ittra taghha lil Eucharist Mercieca u lil E. Mercieca Auto Ltd meta jirrizulta li l-operatur ma huwa ebda wiehed jew wahda minn dawn l-entitajiet izda hija s-socjetà Eucharist Mercieca Auto Limited.* Ghalkemm fir-Rikors promotur issollevaw din il-kwistjoni biex jissosstanzjaw il-pretensjoni taghhom li d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata ta' l-24 ta' Jannar 2011 hija skorretta, ingustifikata w infondata fil-fatt u fid-dritt, ir-Rikorrenti naqsu milli ulterjorment jelaboraw dwarha. In verità it-Tribunal ma jqisx li l-kwistjoni sollevata mir-Rikorrenti tikkostitwixxi raguni valida in bazi ghal liema id-decizjoni ta' l-Awtorità intimata ghandha tigi revokata. Apparte l-fatt li r-Rikorrenti ma ressqu ebda prova li tezisti xi socjetà E. Mercieca Auto Ltd. b'dana li jista' jonholoq dubju dwar fil-konfront ta' min ittiehdet id-decizjoni mill-Awtorità intimata u lil min setghet kienet indirizzata l-ittra ta' l-24 ta' Jannar 2011, bil-fatt biss li Eucharist Mercieca u s-socjetà Eucharist Mercieca Auto Ltd – li *ex admissis* hija l-operatur ta' l-istazzjon tal-VRT fejn sar it-test fuq il-vettura ta' l-ghamla Toyota Hilux bin-Numru ta' Registrazzjoni AAF-936 – ressqu dawn il-proceduri fil-konfront ta' l-Awtorità intimata, johrog ferm car li huma fehmu lil min kienet indirizzata d-decizjoni u konsegwenti ittra.

Ta' rilevanza ferm iktar notevoli ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri huma t-tieni u t-tielet aggravji ta' l-appell, entrambe ta' natura legali, sollevati mir-Rikorrenti. Huma jikkontendu li l-Awtorità intimata bbazat id-decizjoni taghha fil-konfront ta' l-operatur ta' l-istazzjon tal-VRT fuq

nuqqas jew ksur previst fil-Ligi li mhux applikabbli ghall-kaz in ezami u li fi kwalunkwe kaz ma setghetx timponi multa amministrattiva fuq l-operatur ta' l-istazzjon tal-VRT, ossia fuq is-socjetà rikorrenti, ghall-fatt li gie riskontrat nuqqas da parte tat-tester fl-esekuzzjoni tal-VRT test fuq il-vettura ta' l-ghamla Toyota Hilux bin-Numru ta' Registrazzjoni AAF-936 u gie impost tnaqqis ta' punti ta' penalità fuqu biss.

Fir-Rikors promotur ir-Rikorrenti jesponu t-tieni u t-tielet aggravji sollevati minnhom bil-mod segwenti: *l-Awtorità innifisha ghamlet riferenza ghal item 20 ta' l-Iskeda 12, li ma tirrelatax ma' l-allegat ksur li gie irriskontrat f'dan il-kaz. Dan il-kaz jista' talvolta jaqa' invece taht item 20 ta' l-Iskeda 13 li tittratta dwar nuqqasijiet da parti tat-tester, a differenza ta' l-operator* u li *fit-terminu tar-regolament 21(4) tal-S.L. 65.15, il-multa amministrattiva tista' biss tigi nflitta f'kaz ta' penalty points li jigu ndorsjati fl-iskeda ta' l-operatur a differenza tal-iskeda ta' tester. Fi kliem iehor il-ligi ma taghtix fakultà lill-Awtorità li tinfliggi multa amministrattiva f'kaz li jigu rriskontrati nuqqasijiet fl-operat ta' tester, izda fit-termini tar-regolament 24(2) hija moghtija biss il-fakoltà li jekk tester partikulari jgemma aktar minn 150 penalty point huwa jitnehha minn fuq ir-registru tat-testers ghal perijodu ta' sena, u xejn aktar.* Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet taghhom jelaboraw ulterjorment illi *l-ittra da parti ta' l-Awtorità li tinfliggi multa ta' hames mija u hamsin euro (€550) ekwivalenti ghal penali ta' hamsin punt kontra t-tester ta' Eucharist Mercieca Auto Limited u mhux kontra l-VRT operator innifisha; eppure din l-ittra inbaghtet lil Eucharist Mercieca u lil E. Mercieca Auto Ltd. Dan iwassal ghal diversi anomaliji. Fl-ewwel lok, l-esponenti ma jafux jekk din il-penali kinitx ser tigi inserita bhala parti mill-"kondotta" ta' Eucharist Mercieca Auto Limited. Jekk dan kien ser ikun il-kaz, l-interess ta' l-esponenti li jitolbu l-kancellament tad-decizjoni ta' l-Awtorità kif kontenuta f'dik l-ittra huwa wiehed manifest u ovvju. Però, f'dan il-kaz jispetta lill-Awtorità li titlob korrezzjoni tal-kontenut ta' dik l-ittra. Sabiex jigi evitat dupplikazzjoni tal-procedura, l-esponenti lesti jaghtu ruhhom b'notifikati bl-ittra kif emendata, bil-kundizzjoni li l-Awtorità taccetta li dan l-appell ikun sar*

*kontra dik l-ittra kif koretta. Jekk ghall-kuntrarju, l-Awtorità tibqa' ssostni li l-ittra suppost inharget kontra t-tester u mhux kontra l-esponenti, dan iqajjem is-segwenti kunsiderazzjonijiet: 1. L-Awtorità baqghet qatt ma semmiet lit-tester b'ismu f'dik l-ittra; 2. L-ittra baqghet qatt ma giet innotifikata lit-tester; 3. Hemm ukoll il-kunsiderazzjonijiet legali imsemmija fil-paragrafu tlieta tar-rikors promotur fis-sens li l-Awtorità ma ghandhiex id-dritt tinfliggi multa pekunjarja fuq it-tester imma biss tinserixxi l-punti ta' penali fil-kondotta tieghu u tissospendi lil dak it-tester ghal perjodu ta' sena f'kaz li huwa jgemma iktar minn 150 punti penali. Dawn it-tlett kunsiderazzjonijiet ghandhom, minnhom infushom, iwasslu ghal dikjarazzjoni ta' nullità ta' dik l-istess ittra.*

L-Awtorità intimata topponi ghal dawn iz-zewg aggravji sollevati mir-Rikorrenti w in risposta ghat-tieni aggravju ta' l-appell tikkontendi li fl-ghoti tad-decizjoni taghha hija *applikat il-ligi ossia l-Avviz Legali 43 ta' 2008 u l-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 b'mod korrett u gust. Fil-fatt mill-istess ligi ma jirrizulta ebda skeda 13 li qed jallegaw l-atturi. L-ahhar skeda li hemm f'din l-Legislazzjoni Sussidjarja hija t-tnax-il skeda li hija mqassma fit-tnejn ossia l-ewwel parti intitolata "Sistema ta' Punti ta' Penalità uzata biex ikun determinat in-numru ta' punti ta' penalità li ghandhom jinghataw ghall-ksur tal-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta' operatur" u t-tieni parti intitolata "Sistema ta' Punti ta' Penalità uzata biex ikun determinat in-numru ta' punti ta' penalità li ghandhom jinghataw ghall-ksur tal-kondizzjonijiet ta' persuna li jkollha licenza biex tittestja". L-Awtorità intimata applikat it-tieni parti ta' l-iskeda 12. Dana jidher ukoll mill-ittra mibghuta mill-Awtorità intimata lill-atturi fl-24 ta' Jannar 2011, ipprezentata mill-atturi stess flimkien mar-rikors odjern, fejn in-numru ta' penali imposti huwa ta' hamsin (50) punt (kif jidher mit-tieni parti ta' l-Iskeda 12) u mhux ta' tletin (30) punt (kif jidher mill-ewwel parti ta' l-Iskeda 12)*[9]. In risposta ghat-tielet aggravju ta' l-appell tikkontendi li *l-ligi (partikolarment ir-Regolament 21 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15) hija cara u tispecifika li kemm operatur*

[9] Para. 5 tar-Risposta ta' l-Awtorità intimata.

*kif ukoll tester jistghu jehlu l-punti ta' penalità* ***u*** *l-multi amministrattivi mnizzla fit-Tnax-il Sekda. .*

Fin-Nota ta' Sottomissjonijiet Responsiva taghha l-Awtorità intimata tikkontendi ulterjorment li *minbarra dak li già intqal fir-risposta ta' l-Awtorità intimata jigi rilevat ukoll li huwa car li d-decizjoni in kwistjoni tikkoncerna t-tester in kwistjoni ossia Noel Sultana (li ismu huwa imnizzel ukoll fid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata ta' l-24 ta' Jannar 2011) u tali decizjoni giet indirizzata lir-rikorrenti abbazi tal-fatt li d-disposizzjonijiet tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 ossia r-regolament numru tnejn partikolarment id-definizzjoni ta' operatur u test, ir-regolament 10(1)(a), ir-regolament 19(2) u 19(3) u r-regolament 34 juru manifestament car li l-operatur huwa responsabbli ghal VRT Station tieghu, ghat-testijiet kollha li jsiru hemmhekk u ghat-tester impjegat tieghu li jwettaq it-testijiet fl-istess VRT Station. Ghaldaqstant, tali decizjoni giet indirizzata korrettement u kien car il-kontenut tieghu.*

Wara li ra w ikkonsidra d-diversi Regolamenti u Skedi citati mill-partijiet kontendenti, u dana kif fis-sehh fiz-zmien meta ttiehdet id-decizjoni in kwistjoni mill-Awtorità intimata, kif ukoll l-ittra ta' l-24 ta' Jannar 2011 li biha Eucharist Mercieca gie notifikat bid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata u l-provi l-ohra prodotti mill-partijiet, it-Tribunal hu tal-fehma li fl-ghoti tad-decizjoni kontestata b'dawn il-proceduri l-Awtorità intimata ma applikatx il-Ligi, ossia l-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 kif fis-sehh dak iz-zmien, b'mod korrett u gust u fir-realtà d-decizjoni taghha hija legalment insostenibbli.

Ghalkemm l-Awtorità intimata tishaqq u tinsisti li d-decizjoni taghha kienet tikkoncerna lit-tester Noel Sultana, in verità mill-ittra ta' l-24 ta' Jannar 2011 mibghuta lil Eucharist Mercieca jirrizulta mod iehor.

B'dik l-ittra Eucharist Mercieca gie infurmat li minhabba nuqqas ravvizat minn ufficjali ta' l-Awtorità intimata in konnessjoni mal-VRT test fuq il-vettura ta' l-ghamla Toyota Hilux bin-Numru ta' Registrazzjoni AAF-936 li sar fis-6 ta' Jannar 2011, konsistenti tali nuqqas f'*missing seal*

*in the fuel flow adjuster screw* tal-vettura appena imsemmija, it-tester Noel Sultana kien qed jigi ppenalizzat 50 punt ta’ penalità, ekwivalenti ghal multa amministrattiva ta' €550 li ghandha tithallas permezz ta' cheque pagabbli lill-Awtorità intimata. Ai termini tar-Regolament 21(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15, anke kif fis-sehh fiz-zmien meta ttiehdet id-decizjoni in kwistjoni, il-multa amministrattiva tigi imposta fuq l-operatur ta' l-istazzjon tal-VRT u ghalhekk b'dik l-ittra Eucharist Mercieca effettivament kien qed jigi interpellat ihallas il-multa amministrattiva ta' €550 b'dana ghalhekk li d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata kienet kjarament tikkoncerna lill-operatur ta' l-istazzjon tal-VRT, ossia lis-socjetà Eucharist Mercieca Auto Ltd., ukoll.

It-Tribunal hawnhekk jiftah parentesi fis-sens illi din l-osservazzjoni twasslu biex jichad it-tieni eccezzjoni sollevata mill-Awtorità intimata in kwantu ghal kollox insostenibbli. L-Awtorità intimata tikkontendi li *dana l-appell huwa irritu u null peress illi jidher ampjament car illi l-ittra mibghuta lill-operatur rikorrenti kienet tikkoncerna n-nuqqasijiet tat-tester impjegat tieghu* izda, fid-dawl ta’ dak appena osservat, u cioè li bid-decizjoni taghha l-Awtorità intimata hadet posizzjoni anke fil-konfront ta’ l-operatur ta' l-istazzjon tal-VRT, zgur ma jistax jinghad li ir-Rikorrenti ma kellhomx interess u dritt jappellaw minn dik id-decizjoni.

Trattata din l-eccezzjoni jigi osservat illi mill-ittra ta' l-24 ta' Jannar 2011 jirrizulta, kif del resto huwa kkonfermat mill-Awtorità intimata stess, illi giet imposta multa amministrattiva fil-konfront tas-socjetà rikorrenti *qua* operatur ta' l-istazzjon tal-VRT in bazi ghall-punti ta' penalità li tnaqqsu lit-tester Noel Sultana ghall-ksur da parte tieghu tal-kondizzjonijiet li jirregolaw il-persuni li jittestjaw taht il-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15. Ir-Regolament 21(1) u (2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 kif fis-sehh fiz-zmien meta l-Awtorità hadet id-decizjoni taghha però kienu jipprovdu li *operatur li jonqos li jhares il-kundizzjonijiet ta' kuntratt ghall-operaturi taht dawn ir-regolamenti u persuna li tittestja li tonqos milli thares il-kundizzjonijiet li jinsabu f'dawn ir-regolamenti ghall-*

*persuni li jittestjaw, ikunu qed jikkontravjenu l-kundizzjonijiet imsemmija u jehlu l-punti ta' penalità u l-multi amministrattivi mnizzla fit-Tnax-il Skeda. Meta operatur jonqos milli jhares il-kundizzjonijiet stabbiliti ghall-operaturi taht dawn ir-regolamenti u meta persuna li tittestja tonqos milli thares il-kundizzjonijiiet li jinsabu f'dawn ir-regolamenti ghall-persuni li jittestjaw, l-ufficjal awtorizzat ghandu jaghti lill-operatur jew lill-persuna li tittestja skond ma jkun il-kaz, avviz bil-miktub li jkun jispecifika l-ksur tal-kundizzjonijiet, in-numru adatt ta' punti ta' penalità li jkunu se jitnaqqsu lill-operatur jew lill-persuna li tittestja, u l-multa amministrattiva li tkun se tigi imposta fir-rigward ta' vjolazzjonijiet imwettqa mill-operatur*[10].

Kuntrarjament ghal dak pretiz mill-Awtorità intimata, u cioè li *l-ligi (partikolarment ir-Regolament 21 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15) hija cara u tispecifika li kemm operatur kif ukoll tester jistghu jehlu l-punti ta' penalità* ***u*** *l-multi amministrattivi mnizzla fit-Tnax-il Sekda,* minn dawn ir-Regolamenti jirrizulta li l-multa amministrattiva tista' tigi imposta biss fuq l-operatur ta' stazzjon tal-VRT u dan biss ghall-vjolazzjonijiet da parte tieghu. F'kaz li jigu ravvizati tali vjolazzjonijiet l-operatur ta' l-istazzjon tal-VRT ghandu jigi notifikat b'avviz li jindika l-vjolazzjoni/vjolazzjonijijet **attribwiti lilu**, il-punti ta' penalità li jkunu qed **jitnaqqsulu** u l-valur tal-multa amministrattiva korrispondenti li tkun qed tigi **imposta fuqu**, dettalji dawn, hlief ghall-valur tal-multa amministrattiva pretiza mill-Awtorità intimata, li ma jirrizultawx mill-ittra ta' l-24 ta' Jannar 2011 indirizzata lil Eucharist Mercieca. Imkien mill-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 ma johrog li ghal nuqqasijiet jew vjolazzjonijiet attribwiti biss lit-tester u ghall-punti ta' penalità imnaqqsa lilu, l-operatur ta' l-istazzjon tal-VRT ghandu jigi assogettat ghall-multa amministrattiva.

Fic-cirkostanzi ghalhekk ir-Rikorrenti ghandhom ragun jikkontendu li in-nuqqas jew vjolazzjoni fuq liema l-Awtorità intimata jidher li bbazat id-decizjoni taghha fil-konfront taghhom in verità ma tapplikax ghalihom u dana

---

[10] Sottolinear tat-Tribunal.

billi s-socjetà rikorrenti *qua* operatur ta' l-istazzjon tal-VRT fejn sar l-VRT test fuq il-vettura ta' l-ghamla Toota Hilux bin-Numru ta' Registrazzjoni AAF-936, setghet tigi assogettata ghal multa amministrattiva biss kemm-il darba giet misjuba hatja li vvjolat il-kondizzjonijiet li jirregolaw il-kuntratti ta' operaturi skond il-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 u tnaqqsulha punti ta' penalità skond is-sistema ta’ punti ta’ penalità uzata biex ikun determinat in-numru ta’ punti ta’ penalità li ghandhom jinghataw ghall-ksur tal-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta’ operatur, haga li f'dan il-kaz però ma rrizultatx. Ghandhom ukoll ragun jikkontendu li dik id-decizjoni mhux valida w enforzabbli fil-konfront taghha stante li ma hijiex in konformità ma' dak provdut fir-Regolamenti dwar Testijiet biex Jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba ghat-Triq.

Il-kontestazzjoni ta’ l-Awtorità intimata li d-decizjoni taghha fil-konfront tas-socjetà rikorrenti hija gusta u korretta ghaliex l-operatur ta' l-istazzjon tal-VRT huwa ai termini tal-Ligi dejjem responsabbli ghall-istazzjoni tal-VRT tieghu, ghat-testijiet kollha li jsiru hemm u ghall-operat tat-tester impjegat tieghu, ma hijiex sorretta mir-Regolamenti dwar Testijiet biex jiccertifikaw li Vetturi bil-Mutur huma Tajba ghat-Triq u bhala fatt tirrizulta li hija ghal kollox gratuwita in kwantu kompletament tinjora dak espressament dispost fir-Regolament 21 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 dwar kif u meta operatur ta' stazzjon tal-VRT ghandu jigi ppenalizzat ghal nuqqasijiet jew vjolazzjonijiet riskontrati mill-Awtorità intimata.

Ghalkemm ir-Regolament 10(1)(a) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 jipprovdi li *l-operatur ghandu jkun kompletament responsabbli ghall-proceduri kollha ta’ testijiet li jsiru fl-istazzjon* u li skond ir-Regolament 19(2) u (3) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 l-operatur ta' stazzjon tal-VRT ghandu jikkonferma bhala korrett rizultat posittiv ta’ test li jsir, b’daqshekk ma jfissirx li l-Awtorità intimata tista' b'mod ghal kollox arbitrarju u mhux in konformità ma dak provdut fir-Regolamenti applikabbli fis-settur, timponi fuq l-operatur ta' stazzjon tal-VRT multa amministrattiva meta u kif jidhrilha hi. Ir-Regolamenti ma humiex qeghdin hemm biex jirregolaw u jigu segwiti biss

mill-operaturi ta' stazzjonijiet tal-VRT u testers, izda qeghdin hemm biex jirregolaw u jigu segwiti mill-Awtorità intmata wkoll u meta dik l-Awtorità tonqos milli ssegwi dak provdut fir-Regolamenti in kwistjoni, partkolarment fejn jirrigwarda decizjonijiet fil-konfront ta' operaturi ta' stazzjonijiet tal-VRT u/jew testers, dak l-agir jew decizjoni taghha ma jkunux jistghu jigu assekondati w kkonfermati minn dan it-Tribunal.

Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk jirrizulta li l-appell interpost mir-Rikorrenti mid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata notifikata lil Eucharist Mercieca b'ittra datata 24 ta' Jannar 2011, in kwantu bbazat fuq it-tieni u t-tielet aggravji sollevati minnhom jjistoqq li jigi milqugh. Din l-osservazzjoni twassal ghal zewg konsiderazzjonijiet ultejuri: fl-ewwel lok jirrizuta b'mod car li t-Tribunal jista' jieqaf hawn fil-konsiderazzjonijiet tieghu u ma hemmx ghalfejn jidhol fil-kwistjoni dwar jekk it-tester Noel Sultana, li kuntrarjament ghal dak provdut fir-Regolament 21(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15 kif fis-sehh fiz-zmien meta ttiehdet id-decizjoni baqa' qatt ma gie notifikat bid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata fil-konfront tieghu, effettivament ivvjolax il-kondizzjonijiet li jirregolaw it-testers skond il-Legislazzjoni Sussidjarja 65.15; u fit-tieni lok jirrizulta b'mod car hafna li l-appell intavolat mir-Rikorrenti mid-decizjoni ta' l-Awtorità intimata ma huwiex frivolu u vessatorju.

Ghal dawn ir-ragunijiet it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi dan l-appell billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijijet sollevati mill-Awtorità intimata, jilqa' l-appell tar-Rikorrenti u jirrevoka d-decizjoni ta' l-Awtorità intimata notifikata lill-Eucharist Mercieca b'ittra datata 24 ta' Jannar 2011.

L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu ta’ l-Awtorità intimata.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------